KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

9 Leġiżlatura

AGENDA Numru 18

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar**

**Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali**

**Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgha tal-Kunsill Lokali numru 18 li ser tinżamm fl-Ufficcju Amministrativ tal-Kunsill Lokali nhar il-Hamis 2 ta' Lulju, 2020 fil-5.30pm.**

**Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.**

Mariella Strout 2 ta' Lulju, 2020
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima Sindku
- Daryl Connor Viċi Sindku
- Graziella Galea Kunsillier
- Anne Marie Fenech Kunsillier
- Carlos Zarb Kunsillier
- Mario Joseph Salerno Kunsillier
- Anthony Delia Kunsillier
- Alfred Bray Kunsillier
- Paul Bugeja Kunsillier
- Stephen Cremona Kunsillier
- Anthony Angelo Attard Kunsillier
- Christopher Vella Petroni Kunsillier
- Antoinette Bezzina Kunsillier

Skużati

M' hemm ħadd skużat.

Il-Kunsilliera Graziella Galea infurmat lil Kunsill li hija kienet qed tirrekordja il-laqgħa

**<u>18.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji</u>**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

**<u>18.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (16)(17)</u>**

**Minuti Laqgħa numru 16**

**Pagna 2** -Tizdied Il- Kunsilliera Graziella Galea tinforma li se tkun qed tirrekordja il-laqgħa u anke il-laqgħat oħra tal-Kunsill

**Ingħata ruling mis-Sindku**

B'referenza ghal rikjesta ta' rekordjar tal-laqgħa minn kunsillier, is-Sindku kkwota Artikolu 14 A (9) Kap 363 li juri s-Segretarju Ezekuttiv ghandu l-fakulta li jirrekordja l-laqgħa. Dan jghid, illi, "*l-Kunsill jista, b'rizoluzzjoni japprova r-rekordjar jew registrazzjoni ohra ta' procedimenti ghall-iskop uniku li jigi facilitat l-abbozzar tal-Minuti*.

B'referenza ghal rikjesta biex jitnizzlu l-ismijiet wara kull proposta, is-Sindku kkwota Artikolu 14 u 14 A Kap 363 li jiddetta illi, "*il-minuti ghandhom ikunu fil-qosor, b'mod li jkunu jirregistraw il-materji diskussi u d-decizjonijiet li jsiru;"* u mhux li jitnizlu l-ismijiet wara kull proposta.

**Pagna 2 Item 16.2:** Fl-emendi tal-minuti (12) Tiżdied dawn l-emendi kollha ġew approvati b'mod unanimu.

**Paġna 3** – Dawn l-emendi ma ġewx approvati. Jittieħed vot.

Favur – Kunsilliera Graziella Galea, Anne Fenech, Anthony Delia, Chris Vella Petroni, Anthony Angelo Attard, Antoinette Bezzina

Kontra – Sindku Alfred Grima, Viċi Sindku Daryl Connor, Kunsilliera Carlos Zarb, Mario Salerno, Alfred Bray, Paul Bugeja, Stephen Cremona

Astensjonijiet- Ħadd

**SPBLC Projects Update**

Paġna 5 – Tizdied 'Fejn hu possibbli dawn il-proġetti ser jkunu ffinanzjati minn Development Project Fund jew xi Fund ieħor'.

Minuti 16 - Approvati kif emendjati.

**Minuti Laqgħa numru 17**

Pagna 2 Il- Kunsilliera Graziella Galea tinforma li se tkun qed tirrekordja il-laqgħa u anke il-laqgħat oħra tal-Kunsill – Titneħħa anke il-laqgħat oħra tal-Kunsill u jizdied 'kif ukoll dawk il-laqgħat futuri'.

**Gal Majjistral -Mizura 2,3u 4**

Paġna 3 – – jinqata' Mario Salerno.

Il-Kunsill approva ukoll li dawn ix-xogħolijiet jsiru skond il-prijorita'.

**Pagna 4 Item17.6**: - Tieni vers tinbidel il-kelma "bagit" mal-kelma "stima" u jiddahlu l-kliem "eskluz il-VAT" wara €173,000.

Jigu elimin'xi ati l-kliem "Triq il-Mosta u Triq San Pawl" u minflok tiddahhal il-kelma "f'xi nhawi tat-toroq msemmija hawn fuq " wara l-kelma "hemm".

Tinqata is-sentenza segwenti "Tender minn entita responsabli sabiex issiru interventi f' dranaġġ madwar Malta".

**Paġna 4 Item 17.6**:Il-Kunsillier Graziella Galea sostniet li jitnizzel isem ta' min għamel il-proponiment fl -aħħar paragrafu. Ttieħed vot biex jissemma l-isem Graziella Galea.
Jittieħed vot għal emenda

Favur – Kunsilliera Graziella Galea, Anne Fenech, Anthony Delia, Chris Vella Petroni, Anthony Angelo Attard, Antoinette Bezzina
Kontra – Sindku Alfred Grima, Vici Sindku Daryl Connor, Kunsilliera Carlos Zarb, Mario Salerno, Alfred Bray, Paul Bugeja, Stephen Cremona.
Ħadd m'astjena.
Il- Mozzjoni ma għadietx

Il-Kunsill approva ukoll li jsiru dawn ix-xogħolijet skond il-prijorita.

**Pagna 5 Item17.7:** - Tieni vers wara l-kelma "li" jizdied "bi qbil mas-sidien"

**Pagna 6 Item17.9:** - Qabel il-kliem "imorru lura għal April" tiddaħħal il-kelma "allegament"
Wara l-kelma "diskrepanza" jiddahhlu l-kliem " Inġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill qatt ma ġie nfurmat b'dawn il-finanzi neqsin.

Hemm qbil li għandha tiġi informata s-Segretarju Eżekuttiv preċidenti.

**Paġna 6 Item 17.10**: – Titneħħa sabiex tissaħħaħ u issir emendi neċessarji
Ma kienx hemm qbil u ttieħed vot.

Kontra: Kunsillier Paul Bugeja, Anthony Angelo Attard, Alfred Bray, Antoinette Bezzina, Graziella Galea, Anthony Delia, Anne Fenech
Favur: – Sindku Alfred Grima, Vici Sindku Daryl Connor, Kunsilliera Carlos Zarb, Mario Salerno, Stephen Cremona, Chris Vella Petroni

Ma kien hemm ħadd li astjena.

L-emenda m'għaddietx.

**Pagna 7 Item17.12:** - Jizdied "Is-Sindku nforma li hemm pendenzi finanzjarji dovuti lil Grima & Sons Ltd ta' €3,953.30 (2015, 2017, 2018)"
Jigu eliminati l-kliem "Il-kumpanija spjegat" u minflok jiddaħħal "Huwa maħsub li"
Wara l-kelma "prezentata" jizdied " bl-eccezzjoni tariq l-pagament 435a.
Litter Bins
Paġna 7 – Fl-aħħar – Tizdied 'saret rikjesta sabiex jinbidlu xi bins fil-Wardija'.
Il Kunsilliera Graziella Galea qeda tapprova il-Minuti b'rezerva għaliex temen li ismijiet tal-Kunsilliera għandhom jitnizzlu sabiex il Minuti ikunu ċari

Minuti 17 - Approvati

**<u>18.3 Punti mill-minuti</u>**

**Punti mil-Minuti Laqgħa 16**

**<u>P/A 7499</u>** – Triq Parades ntbagħtu tlett notifikazzjonijiet humiex l istess pjanti. Ġie mitlub sabiex il-perit jagħti klarifikazzjoni ċara dwar hemmx triq jew le u jghidilna x'hemm differenti bejn il-pjanti. Ġie mistoqsi ukoll jekk l-art fejn ġejja t-triq hix pubblika jew privata

**<u>Progetti</u>** – Il-Kunsill ilu jistenna sitt ġimgħat peress li d-dewmien seħħ minn naħa tal-lands.

**<u>Latrini</u>** - Il-Kunsill ġie infurmat li t-tender tal-Refurbishing Public Conveniences jagħlaq 03/07/2020
Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li-Perit Daniel Grima ma jistax jkompli u trid tinstab persuna oħra minn floku li jista jghin. Għandu jsir proponiment biex fil-laqgha li jmiss titla' fl aġenda.

Tender - CHRISTMAS DECORATIONS – Il-Kunsill fakkar biex tintbagħt mistoqsija lid-dipartiment dwar jekk huwiex possibbli li t-tender jigi offrut li min tefa t-tieni l-irħas offerta.

**Salvu Galea kontra l-Kunsill** – intbghatet l-informazzjoni lil avukat tal-Kunsill u se jmexxi bil-qorti (tal-bumping cars) Il-Lands Authority spiċċaw ukoll fil kas u diġà għamlu r-risposta tagħhom

**Mosta Road** - Il-Kunsill fakkar biex tintbagħt imejl lid-Dipartiment tas-Senita dwar ta' minn jappartjenu l-fossos u min huwa obligat li jizgura li dawn jintradmu.

**Punti mill-minuti laqgħa 17**

**Xogħolijiet ta' Patching -** Tressqet korrispondenza li turi li bil-maqlub ta' dak li ntqal waqt il-laqgħa precidenti, il-Bord ta' l-Infrastruzzjoni kif ukoll il-Kunsill kienu kkonsultati 3 darbiet bejniethom dwar il-lista ta' toroq u xogħolijiet ta' patching

Il-Kunsillier Stephen Cremona ħareġ mill-laqgħa fis-6.30pm u rritorna fis-6.40pm

**Siti fil-Lokalita** – Hemm qbil li dan is-suġġett jiġi diskuss siegħa qabel l-laqgha li jmiss.

**Retention of Impressa Cassarino** – L-account ta' Mizura 4.3 ġewwa Central Bank ġie kreditat b' €6000. B'hekk se jiġi proċessat l –pagament imbaghat tgħaddi l-claim u wara jiġu refunded fil-kont.

**Patching** –Il-Kunsill qed jiġri wara l-kuntrattur. Hemm qbil li importanti li jimxu skond il-procedura u mhux isir xogħol ta emerġenza.

Il-Kunsillier Stephen Cremona ħareġ mill-laqgħa fis-6.30pm u rritorna fis-6.40pm

**Depoziti ta' Garanzija** – Il-Kunsill fakkar dwar il-ħtiega ta'awditjar mill-Awdituri

**Bye Law Alcohol –** Il-bord li ġie mwaqaf sabiex jiddiskuti il-Bye-Law tal-Akoħol kien iltaqgha.
Il-Kunsillier Paul Bugeja bgħatt kopja ta' l-emendi. Il-bord bgħat kommunikazzjoni lil Kunsill Lokali li diġa għandhom Bye-law simili kif ukoll lil MHRA u lil Chamber for SME's għal opinjoni tagħhom. L-verzjoni finali ta' din il-Bye Law ser titella' fil-laqgħa li jmiss.

**Litter bins –** Minhabba l-urgenza li tikkoncerna s-sahha pubblika, il-Kunsill ikkonferma l-approvazzjoni għax-xiri ta' litter bins minghand zewg kumpaniji li kellhom prezzijiet simili, b'valur ta' mhux aktar minn €5,000 + VAT il-wieħed.

**Gym Equipment** - Il-Kunsill fakkar biex b'kordinazzjoni ma MTA jigi ordnat l-apparat meħieg

**18.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**Rikjest min Skrivani tal-Kunsill**

(a)Ir-rikjest mingħand skrivana li taħdem customer care u li minħabba raġuni medika staqsiet biex tahdem mid-dar reduced hours ghat-3 xhur li gejjin.

(b)Skrivana li qed titlob li ghat 3 xhur li gejjin taghmel 1.25hrs telework kuljum minħabba raġuni valida.
Il-Kunsill qabel.

**LC Care**

Il-Kunsilliera responsabbli mid-Drittijiet ta' l-annimali Anne Fenech infurmat li se tattendi għall-laqgħa u se tieħu ħsieb biex l-applikazzjoni tintbaght qabel is-17/7/2020.

**San Pawl u Triqatu** –

Il-Kitieb Keith Muscat għamel hafna riċerka u dejjem kien ta' servizz u offra ħafna għall-lokalita, u ressaq proposta biex il-Kunsill jippublika ir-riċerka tiegħu fi ktieb.
Hemm qbil li jsir kuntatt u jinġiebu 3 stimi.

**Recreation service for children** –

Il- Kunsill ir-rċeva rikjest sabiex jitwaqqaf Recreation Service min kumpanija privata ġewwa il-pjazza ta' Bugibba
Il-Kunsill oġġezjona għar- rikjest.

**Day Centre - Social care standard authority**

Il- Kunsill ġie nfurmat li kien irċeva kommunikazzjoni mingħand id-Dipartment ta' Social Care sabiex jiġi iffirmat ftehim dwar id-Day Center kif ukoll trid issir liċenzja sabiex ikun jista jopera.
Il-Kunsill ġie infurmat li fil-preżent ma nstab l-ebda ftehim bejn il-Kunsill u d-dipartiment ħlief għal ħlas lill-Kunsill għal % mill-kontijiet tad-dawl u l-ilma.
Il-Kunsill qabel li tissejjaħ laqgħa bejn il-partijiet biex jigi stabbiliet liema Entita hi responsabbli għat-tmexxija tad-Day Centre jekk hux id-Dipartiment jew il-Kunsill.

**Cirkolari 3 – waqt il-Covid-19.**

Tressqet Direttiva u Kwestjonarju għall-attenzjoni tal-Kunsill. Ġie nnutat, li l-laqgħat permezz ta' on-line ma kienux daqstant produttivi għal-lokalita'.
l-Kunsill qabel li ir-risposti tal-kwestjonarju għandhom jirfletu dan.

**Oliver Mallia – Mistra Floor Mill**

Il-Kunsill qabel li l-arlogg tad-dawl idur fuq il-Kunsill dan dejjem jekk ma hemmx arretrati ta' kontijiet x'jithallsu.

**Roman Baths (l-għerien) u zona kollha (fuq Triq tal-Mistra**)

Il-Kunsill qabel mal-proposta u fi zmien opportun se jsiru xogħolijiet ta' tindif.

**Road Damage – 4.3 Ras il-Wied - Wardija.**

Triq bla xibka u kissru l-konkos u mtliet bil-ħamrija.

Il-Kunsill irid isib rimedju tagħha

**Prosposta biex tissemma triq bejn Andrew Cunningham u Tamar.**

Hemm qbil li tissemma Triq tal-Ħamra

**Side road - Triq il-Korp tal-Pijunieri**

Il-Kunsill qabel li din it-triq tiġi rikomandata li tissemma Triq Bardnel

**Graffiti taraġ tal-Millenjum**

Il-proposta li issir graffiti fuq il-ħajt ta' taraġ tal Ġnien Millenjum ma ġietx milqua izda il-Kunsill qabel li issir light effects bħala parti mix-xogħolijiet li għandhom issiru.

**Bus shelters – Wasalna fi stadju avvanzat.**

Hemm il-qbil li hemm minnhom numerati. Dawk li jaqgħu taħt n-numru 1 jmexxu.

Se jsir appuntament biex issir hidma ghal dawk numerati mod iehor u jghaddu taht il-bord.

**Triq il-Qawra c/w Turisti – Belisha light -** Il-Kunsill gie magħrraf li l-pole nkwistjoni ma jinsabx fit-tarf tal-bankina biss, persuna b'wheel chair xorta tista taghddi liberalment. Għalhekk gie deciz li x-xoghol isir skond il- priorita ta' xoghol. L-istima tlahaq €1,536.95**.**

**Ferrovija tat-tfal**

Il-Kunsill ma laqgħax it-talba fil-postijiet li ġew suġġeriti.

**Attivita Street Sports**

Il- Kunsill irċeva kommunikazjoni mingħand Reġjun Tramuntana dwar Street Sports Opening – Opening ġie propost li issir ġol-pjazza ta' Buġibba

Il-Kunsill qabel.

**Il-Kunsill irċieva ittra bl-avukat f'isem Mr Isaiac Grima.**

Inqrat ittra mibgħuta lill-Kunsill, l-Għassa tal-Qawra u TM minn l-Avukat T.Cachia f'isem sid ta'garaxx fi Triq Makku, fejn saret allegazzjoni dwar tnehhija ta' sinjali tat-traffiku b'mod illegali fil-konfront tal-Kunsill u s-Sindku.

Is-Sindku nforma, li hu stess bagħt ittra lis-Suretendent tal-Pulizija, Mario Haber, fejn fiha cahad li tneħħew sinjali minn quddiem id-drive-in inkwistjoni kif allegat. Ipprezenta ritratti li juru li f'*White Pearl Court*, li tinsab fi Triq il-Makku, San Pawl il-Baħar, ma hemm l-ebda ndikazzjoni fil-faccata li tindika b'mod car li hemm GARAGE IN USE hekk kif jiddetta Artikolu 77 (2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11. Qal, li għaldaqstant, l-ebda abbuz ma seta jseħħ kif ġie allegat. Informa li dwar dan il-kaz tkellem ma l-Avukat tal-Kunsill.

Qal li l-email datata 31/10/2017 mibgħuta mill-Kunsill lill-TM turi, li s-sinjali li rrefera għalihom Dr T. Cachia fl-ittra tiegħu, saru minn terzi persuni b'mod illegali u mhux mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar. Informa, li nhar is-6/3/2020 huwa kellu laqgħa ma TM dwar l-istess kaz fejn dak inhar gie maqbul, li l-Kunsill jibaght email tax-xogħolijiet li kienu sejrin isiru. L-email intbaghtet dak in-nhar stess.

Irrefera, ghall-istess permess indikat mnn sid il-garaxx maħrug minn TM fl-10/1/2017 fejn allega;

1. Illi, bil-kontra ta' dak allegat fil-permess, il-Kunsill qatt ma applika biex isiru sinjali doppji quddiem il-garaxxijiet.

2. Illi, l-istess permess ma jimxiex pari passu ma l-istess regolamenti tat-traffiku. Dan minħabba l-fatt, li sinjal isfar doppju mizbugħ quddiem garaxx izomm lil sidu milli bi dritt jieqaf u jinzel biex jiftaħ il-bieb tal-garaxx tiegħu. Konsegwenza ta' s-sid jispicca jagħmel kontravenzjoni tat-traffiku f'Artikolu 77 (1).
3. Illi, l-ebda kompromess ma nstab bejn dawk il-persuni milquta hekk kif jiddetta l-permess.

Qal, li nvista tal-fatt, li prattikament kull kundizzjoni mposta fil-permess maħrug minn TM fl-10/1/2017 ma gietx onorata, jagħmel l-istess permess inkwistjoni null u bla ebda effett.

Hemm qbil li l-Kunsill ma jidholx bejn il-pika ta' 2 persuni u li l-Kunsill ser jirrispondi bl-avukat

**<u>18.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>**

Kien hemm qbil li dan is-suġġet jiġi diskuss waqt laqgħa oħra

**<u>18.6 Rapporti/ jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti – *Evaluation Reports Contracts Manager*</u>**

Kien hemm qbil li dan is-suġġet jiġi diskuss waqt laqgħa oħra

**<u>18.7 Item:Policy – Traffic Mirrors (Sabiex il-Kunsill jiddisponi mix-xoghol li fadal mill-laqgha ta' qabel)</u>**

Kien hemm qbil li dan is-suġġet jiġi diskuss waqt laqgħa oħra

**<u>18.8 Item: PA3012/20 Bini ta' Inċineratur fil-Magħtab</u>**

Kien hemm qbil li dan is-suġġet jiġi diskuss waqt laqgħa oħra

**18.9 Item: Petizzjoni residenti Triq il-Makku – Estenzjoni ta' bankini**

Kien hemm qbil li dan is-suġġet jiġi diskuss waqt laqgħa oħra

**18.10 Item: 2 Live Cams (CCTVs) offruti minn Reġjun Tramuntana**

Kien hemm qbil li dan is-suġġet jiġi diskuss waqt laqgħa oħra

**18.11 Item: Manutenzjoni ta' funtani**

Kien hemm qbil li dan is-suġġet jiġi diskuss waqt laqgħa oħra

**18.12 Item: Inizjattiva ambjentali – Restrizzjoni għall-vetturi kummerċjali milli jgħaddu miċ-ċentru tal-lokalita' bla bżonn**

Kien hemm qbil li dan is-suġġet jiġi diskuss waqt laqgħa oħra

**18.13 Item: Klassijiet ta' Eżerċizzju Fiżiku**

Kien hemm qbil li dan is-suġġet jiġi diskuss waqt laqgħa oħra

**18.14 Item: Rapport Amministrattiv 2019 – Emendi**

**18.15 Item: Karavans fil-Qawra**

Kien hemm qbil li dan is-suġġet jiġi diskuss waqt laqgħa oħra

**18.16 Item: Attivitajiet – Awwissu sa Ottubru**

Kien hemm qbil li dan is-suġġet jiġi diskuss waqt laqgħa oħra

**18.17 Item: Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti / servizzi**

Kien hemm qbil li dan is-suġġet jiġi diskuss waqt laqgħa oħra

**18.17.1 : Approvazzjoni ta' Kontijiet**

**18.17.2 : Xiri ta' oġġetti/servizzi Tenders jew Sejħa**

(a) **Ġonna Publiċi**

(b) **Taħwil u manteniment tal-pjanti ndeġeni – Miżura tal-Galmajjistra**

**18.18 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss fis-16 ta' Lulju, 2020**

Alfred Grima
Sindku

Mariella Strout
Segretarju Ezekuttiv